

Il-Globalizzazzjoni: kif il-Parlament Ewropew qed jiżgura li taħdem sew

Il-globalizzazzjoni toffri kemm sfidi u kemm opportunitajiet: aqra x'diġà għamel il-Parlament biex ingawdu kemm nistgħu minnha.

Il-globalizzazzjoni toffri potenzjal kbir għall-ħolqien tal-ġid u tal-impjiegi, iżda hija wkoll kapaċi tħarbat l-affarijiet. L-UE minn dejjem ippruvat tagħmel l-aħjar użu minnha, filwaqt li ttaffi l-effetti negattivi tagħha billi tistabbilixxi regoli u taħdem ma' pajjiżi oħra. Il-Kummissjoni Ewropea fl-10 ta' Mejju ppubblikat dokument ta' riflessjoni dwar kif l-UE għandha tittratta l-globalizzazzjoni fil-futur, suġġett li l-MPE ddibattewh fil-plenarja fis-16 ta' Mejju. Kompli aqra biex titkixxef x'diġà għamel il-Parlament dan l-aħħar.

X'għamel il-Parlament dan l-aħħar

L-UE hija [l-akbar protagonista fil-kummerċ dinji](#) u tuża l-qawwa ekonomika tagħha biex timponi standards għolja fuq prodotti li jiġu importati kif ukoll biex tippromwovi l-valuri tagħha fil-bqija tad-dinja. L-MPE dejjem ikunu ħerqana jagħmlu użu minn dan billi jinsistu fuq iż-żieda ta' emendi fi ftehimiet tal-UE. Fin-negozjati reċenti dwar [Ċeta](#), pressjoni mill-Parlament wasslet biex minflok is-sistema ta' soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u stati jkun hemm sistema ta' qorti tal-investment, b'garanzija ta' aktar trasparenza u bl-iżgurar li l-gvernijiet ikollhom kontroll fuq l-għażla tal-arbitri.

L-MPE huma favur miżuri li jikkumbattu l-kompetizzjoni inġusta minn barra l-UE, bħal meta talbu strateġija tal-UE wara mewġa ta' importazzjonijiet fl-UE ta' [provvisi ferrovjarji](#) rħas. Biex jipproteġi l-impjiegi fl-Ewropa, il-Parlament qed jagħfas biex bla dewmien jintlaħaq qbil dwar il-modernizzazzjoni tal-[istrumenti tal-UE għad-difiża kummerċjali](#). Bħal dejjem, jeħtiġilna nsibu bilanċ korrett, bħal fil-każ taċ-[Ċina](#).

Biex ma jħallux li [l-kummerċ tal-minerali](#) jiffinanzja l-kunflitti u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, f'Marzu l-MPE adottaw abbozz ta' regolament tal-UE li jimponi l-obbligu li l-importaturi kollha tal-UE ta' landa, tungstenu, tantalu u deheb jiċċekkjaw dwar il-fornituri tagħhom, filwaqt li manifatturi kbar se jkollhom ukoll jgħidu kif biħsiebhom jimmonitorjaw is-sorsi tagħhom ħalli

dawn jikkonformaw mar-regoli. Barra minn hekk, minħabba l-Parlament, ir-regoli riveduti tal-UE li jipprevjenu l-kummerċ fi prodotti u servizzi li jistgħu jikkontribwixxu għal atti ta' [tortura jew eżekuzzjoni](#) jinkludu projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq u t-tranżitu ta' tagħmir użat għal trattament krudili, inuman u degradanti ta' persuni barra mill-UE.

Il-Parlament ukoll ta' sikwit ihegħeġ lill-Kummissjoni tħejji leġislazzjoni ġdida billi jadotta riżoluzzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess Pereżempju, f'April l-MPE talbu li jitfasslu regoli tal-UE biex [jobbligaw lill-fornituri tat-tessuti u tal-ilbies jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema](#). F'dak l-istess xahar, l-MPE wkoll talbu li jkun hemm skema unika ta' ċertifikazzjoni għaż-żejt tal-palma li jidħol fis-suq tal-UE, biex jilqgħu għall-effetti tal-[produzzjoni mhux sostenibbli taż-żejt tal-palm](#), bħad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-habitats.

L-MPE jżommu quddiem għajnejhom ukoll kif il-globalizzazzjoni tolqot l-impjiegi, pereżempju billi japoġġjaw inizjattivi maħsuba biex [isaħħu d-drittijiet tal-ħaddiema](#). Il-Parlament bħalissa qed jaħdem biex jipproteġi lil min jinsab f'forom ġodda ta' impjieg maħluqa mill-[ekonomija diġitali](#). Il-Parlament jappoġġja wkoll il-[Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni](#), li jgħin lil ħaddiema ssensjati jsibu impjiegi ġodda. Pereżempju, fil-11 ta' Mejju l-Kumitat għall-Baġits approva [€2.6 miljun biex jgħin lil 821 ħaddiem li ngħataw is-sensja minn Nokia](#) fil-Finlandja.

Dawn huma biss ftit eżempji ta' dak li għamel il-Parlament rigward il-globalizzazzjoni f'dawn l-aħħar xhur, imma jagħtu idea tal-modi differenti li bihom l-MPE qed jaħdmu biex jiżguraw li l-globalizzazzjoni taħdem sewwa għall-Ewropej.

Dibattitu dwar il-futur tal-integrazzjoni Ewropea

Sal-aħħar ta' Ġunju, il-Kummissjoni se tippubblika ħames dokumenti ta' riflessjoni biex tagħti bidu għal dibattitu dwar il-ġejjieni tal-integrazzjoni Ewropea. Kull dokument jitratta tema speċifika: id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa, il-globalizzazzjoni, l-unjoni ekonomika u monetarja, id-difiża u l-finanzi. Id-dokumenti fihom ideat u xenarji dwar x'bixra jista' jkollha l-Ewropa fl-2025, iżda l-ebda proposta konkreta. L-inizjattiva tispiċċa f'nofs Settembru, meta l-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker jagħmel id-diskors annwali tiegħu dwar l-istat tal-Unjoni.

Dan l-artiklu ġie aġġornat fis-16 ta' Mejju 2017 biex jinkludi d-dibattitu fil-plenarja

Il-biċċa l-kbira ta' dawk li wieġbu fl-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2017

- Il-promozzjoni tal-paċi u tad-demokrazija fid-dinja (73%)
- Il-politika ekonomika (58%)
- Il-politika barranija (57%)

Id-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni Ewropea

[L-immaniġġar tal-globalizzazzjoni](#)

[Stqarrija għall-istampa dwar id-dibattitu fil-plenarja dwar dan id-dokument ta' riflessjoni \(is-16 ta' Mejju 2017\)](#)

Materjal awdjoviżiv

[Ċeta](#)

[TTIP](#)

[Minerali minn żoni ta' kunflitt](#)

[Qgħad fost iż-żgħażaġħ](#)

[Fond għall-globalizzazzjoni](#)

[Votazzjoni dwar l-industrija tal-ilbies](#)

[IT_2017_Africa conference_INTRO_V01](#)

Briefings tal-EPRS

[Ċeta \(Jannar 2017\)](#)

[Il-ġlieda kontra l-kummerċ f'għodod tat-tortura u tal-eżekuzzjonijiet \(Frar 2017\)](#)

[Negozjati UE-USA dwar it-TTIP \(2016\)](#)

[Is-settur tal-ilbies \(April 2017\)](#)

[Protezzjoni minn importazzjonijiet tad-dumping jew sussidjati \(2017\)](#)

Stejjer ewlenin

[TTIP](#)

[Nerġgħu ngibu l-ekonomija fit-triq it-tajba](#)

[L-impjiegi](#)

[L-UE fid-dinja](#)




L-UE tgħin biex ittaffi l-effetti ħżiena tal-globalizzazzjoni ©AP Images/European Union-EP



Minerali mill-konflitti: Il-verità dwar l-ismartphone tiegħek

<https://www.europartv.europa.eu/mt/programme/economy/conflict-minerals-the-truth-behind-your-smartphone>



"L-UE m'għandiex tforni għodda għal tortura"

<https://www.europartv.europa.eu/mt/programme/world/the-eu-must-not-supply-tools-for-torture>



L-element uman tal-moda tal-lum: il-każ għall-qafas vinkolanti

<https://www.europartv.europa.eu/mt/programme/world/the-human-cost-of-fast-fashion-the-case-for-a-binding-framework>



Niproteġu l-industrija tal-UE

<https://www.europartv.europa.eu/mt/programme/others/protecting-eu-industry>